MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 272/2012

**Catherine Vella**

**Vs**

**Albert Vella u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2012 il-kumpannija Michael Attard Limited giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Marzu 2012, l-attrici qeghda titlob li l-qorti tiddikjara li:

1. Il-konvenut hu responsabbli ghad-dejn li ghamel ma' Michael Attard Limited bl-eskluzjoni ta' martu.

2. Id-dejn li ghamel zewgha ma’ Michael Attard Limited sar bi ksur ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili u qatt ma seta’ jidhol fl-ambitu tal-Artikolu 1324 u 1327 tal-Kodici Civili.
3. Id-dejn ta’ 124,068.88 ewro ghandu jithallas l-ewwel mill-assi parafernali tal-konvenut u fin-nuqqas mir-rikavat tal-bejgh bl-irkant tal-karozzi li ghadhom ma nqabdux.
4. Tordna li jekk jifdal xi dejn jithallas skond l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili min-nofs indiviz li l-konvenut ghandu mid-dar matrimonjali.

L-attrici ghamlet riferenza ghall-proceduri ta’ separazzjoni li ghandha ma’ zewgha (162/06) u qalet li waqt dawk il-proceduri saret taf li zewgha kien qieghed jaghmel negozju ma’ Michael Attard Limited li kien jikkonsisti f’xiri ta’ vetturi u obbliga ruhu li jhallas il-prezz b’kambjali li ffirma. L-attrici ssostni li ladarba n-negozju sar mill-konvenut biss, id-dejn hu tieghu. Wara li nghatat sentenza fil-kawza **Michael Attard Limited vs Albert Vella** (1140/11), il-kreditur beda proceduri sabiex id-dar matrimonjali tinbiegh bl-irkant. Spjegat ukoll li d-dar kienet inxtrat fiz-zwieg. L-attrici ssostni li zewgha wettaq att ta’ amministrazzjoni straordinarja li ma kellu l-ebda jedd li jwettaq minghajr il-kunsens taghha (Artikolu 1322 tal-Kodici Civili). Inoltre ssostni li l-iffirmar tal-kambjali ma jikkwalifikax bhala att normali ta’ gestjoni ta’ kummec (Artikolu 1324 tal-Kodici Civili). Spjegat ukoll li l-Artikolu 1327 jelenka x’dejn jaghmel tajjeb ghalih il-gid tal-komunjoni tal-akkwisti. Semmiet ukoll li l-kreditur kien hareg mandat ta’ qbid 1615/11, mandat ta’ sekwestru 1619/11 u mandat ta’ inibizzjoni 1732/11 kontra zewgha biss. Irrizulta li minn sitta u ghoxrin (26) vettura li jissemmew fil-mandat, inqabdu sitta biss u ma tafx x’sar mill-kumplament. Argumentat ukoll li m’ghandix taghmel tajjeb ghad-dejn li ghamel zewgha wara li ghamel negozju minghajr ma kienet infurmata, u f’dan l-agir kien mghejjun minn Michael Attard Limited ghaliex qatt ma ghamlet verifiki sabiex tivverifika jekk kienx separat *de jure*. Fl-ahharnett ippremettiet li d-dejn li ghandu l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalih biss in-nofs indiviz li ghandu fid-dar matrimonjali.

Il-konvenut ghalkemm notifikat ma wegibx.

B’digriet tat-30 ta’ Marzu 2012 il-qorti awtorizzat lil Michael Attard Limited sabiex tintervjeni (fol. 34).

Il-qorti semghet il-provi u t-trattazzjoni li saret mid-difensur tal-attrici u l-intervenuta fil-kawza.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Catherine Vella u Albert Vella zzewwgu fl-1983.
ii. B’kuntratt tat-12 ta’ Dicembru 1990 pubblikat min-nutar Dr Antoine Aigus xtraw il-fond Prim Rose, Triq Mons. Innocenz Zammit, Swatar, Msida.
iii. Bejn il-konjugi Vella hemm kawza ghall-firda personali. Jirrizulta li wara li fl-2003/2004 Catherine Vella telqet mid-dar matrimonjali zewgha qabad negozju ta’ kiri ta’ vetturi. Jirrizulta li xtara numru konsiderevoli ta’ vetturi u ffirma kambjali peress li l-prezz ma kienx jithallas mal-konsenja[1]. Stefan Sacco, ufficjal tal-kumpannija intervenuta, pprezenta dokument li fih jissemmew hamsa u ghoxrin (25) vettura li l-konvenut xtara minghand Michael Attard Limited (fol. 71).
iv. L-attrici qatt ma kienet involuta fin-negozju.
v. Fil-5 ta’ Marzu 2010 l-attrici pprezentat mandat ta’ inibizzjoni kontra zewgha fejn talbet li jinzamm milli jbiegh u jittrasferixxi numru ta’ vetturi, sabiex *“…..tikkawtela sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-intimat (Rikors 161/06 – diff. 24.06.2010).”* (fol. 27).
vi. Fl-1 ta’ Jannar 2012 nghatat sentenza fil-kawza **Michael Attard Limited vs Albert Vella** (1140/11) li permezz taghha l-qorti kkundannat lil Albert Vella biex ihallas is-somma ta’ 124,068.88 ewro import ta’ tlettax il-kambjala li kienu mmaturaw.
vii. Permezz ta’ rikors prezentat fit-18 ta’ Jannar 2012, Michael Attard Limited talbet il-bejgh bl-irkant tad-dar

[1] Fil-proceduri ta’ separazzjoni (161/06) Michael Attard, ta’ Michael Attard Ltd, xehed: *"Rigward il-vetturi l-ohra ma sarux purchase agreements. Biss inhargu kambjali ghall-bilanc tal-prezz ghal kull vettura. Il-kambjali gew iffirmati mill-konvenut. Il-mara tieghu ma ffirmathomx. Dawn il-kambjali huma f’isem Albert Vella proprju.”* (fol. 8).

matrimonjali tal-konjugi Vella (Primrose, Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida).

L-attrici xehedet:-

*"Illi jiena ma nistax nifhem kif zewgi dahhalni u lit-tfal taghna f'dan l-inkwiet kollu meta hu u hu biss ghamel in-negozju li ghamel, negozju li ghamlu minn wara dari u minghajr il-firma tieghi, u issa qed jippretendi illi jiena naghmel tajjeb ghad-dejn li ghamel mas-socjeta imsemmija, meta jien qatt ma kelli x'naqsam fiha."* (fol. 57).

Il-qorti tosserva li:-

i. Dan hu kaz fejn ir-ragel, wara li martu telqet mid-dar matrimonjali, iddecieda li jibda negozju ta' kiri ta' vetturi. F'dan il-process huwa xtara kwantita' ta' karrozzi minghand Michael Attard Limited bid-dejn. S'issa l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Vella ghadha tezisti. Dan ifisser li l-vetturi huma assi tal-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1320 tal-Kodici Civili).

ii. L-akkwist ta' mobbli fejn il-prezz ma jithallasx mal-konsenja jew qabel, hu att ta' amministrazzjoni straordinarju li jmiss lill-konjugi flimkien (Artikolu 1322(3)(g) tal-Kodici Civili).

iii. Mill-artikolu 1322 tal-Kodici Civili ma jidhirx li sabiex persuna mizzewwga tibda taghmel negozju ghandha bzonn il-kunsens tal-parti l-ohra. Jidher ghalhekk li t-twaqqif ta' negozju m'huwiex att ta' amministrazzjoni straordinarja.

iv. Madankollu l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

*Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt*

*tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.*

Il-ligi ma tghidx x'inhu *"att normali ta' gestjoni ta' kummerc"*, ghalkemm minn dan il-provvediment hu evidenti li certu atti ta' amministrazzjoni straordinarja jistghu jikkwalifikaw bhala tali[2].

Hu reali li fl-ezercizzju ta' negozju ta' kiri ta' vettura, in-negozjant jixtri vetturi u m'hemm xejn barra min-normal li ma jhallasx il-prezz mal-konsenja tal-vettura. Ghalkemm jista' jkun li n-negozjant ma jkunx qieghed jiggestixxi n-negozju b'hila, per ezempju jaghmel ghazliet hziena dwar in-numru ta' vetturi li jixtri, jew li jiddejjen iktar milli jiflah in-negozju meta tqies id-dhul, b'daqshekk ma jfissirx li l-akkwist ta' vetturi bid-dejn ma jibqax att normali ta' gestjoni tan-negozju. Ghalhekk jekk att jikkwalifikax bhala tali ma jiddependix mill-mod kif ikun qieghed jitmexxa n-negozju izda mill-att innifsu.

Fis-sentenza **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Ltd et** deciza (Prim'Awla[3]) tad-9 ta' Ottubru 2003, il-qorti osservat:-

*"Kieku att straordinarju li hu att normali ta' gestjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop tal-Artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc"."*[4].

---

[2] L-artikolu *"ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita' ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni that ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha."* (**Patiniott et vs Cini et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001).

[3] Imhallef T. Mallia.

[4] Ara wkoll sentenza **J & E Griscti vs Jesmond Sant et** tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (Imhallef P. Sciberras) tal-10 ta' Jannar 2007 fejn gie kkonfermat li d-dejn li jsir minn atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, jaghmel tajjeb ghalih il-gid tal-komunjoni tal-akkwisti.

Issir ukoll riferenza ghall-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili li jipprovdi li meta l-gid tal-komunjoni tal-akkwisti m'huwiex bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghad-dejn, kreditur jista' jinforza t-talba tieghu *in subsidum* kontra l-beni parafernali tal-mizzewwgin. B'dan li fil-kaz ta' *"….. (b) dejn li jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324"*, kreditur jista' jinfurza t-talba tieghu biss kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti li minhabba fiha nholqot it-talba. F'dan il-kaz hu r-ragel. Provvediment li jatik x'tifhem li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jaghmlu tajjeb ghad-dejn tan-negozju li jkun sar bhala att *"normali ta' gestjoni ta' kummerc"*, tant li jghid x'jigri meta l-gid tal-komunjoni tal-akkwisti m'huwiex bizzejjed biex jithallas id-dejn li jkun sar minn wiehed mill-konjugi fl-ezercizzju tas-sengha, negozju jew professjoni kif jissemma fl-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili.

v. L-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu **biss** id-djun elenkati f'dak il-provvediment. L-attrici ssostni li d-dejn li ghamel zewgha m'huwiex wiehed minn dawk li jissemmew fl-Artikolu 1327. Il-qorti ma taqbilx. Hu veru li x-xiri tal-vetturi hu fih innifsu att ta' amministrazzjoni straordinarju gialadarba l-hlas ma sarx qabel jew mal-konsenja. Madankollu billi l-qorti hi tal-fehma li jikkwalifika bhala att normali ta' gestjoni ta' negozju (Artikolu 1324) u ghalhekk seta' jsir mir-ragel minghajr il-htiega tal-kunsens tal-mara, l-obbligu tal-hlas jaqa' taht l-Artikolu 1327(b) tal-Kodici Civili.

vi. In vista ta' dak li nghad hawn fuq, l-argument bazat fuq l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili ma jregix ghaliex japplika fir-rigward ta' djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti.

vii. Ovvjament minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 1330(b) tal-Kodici Civili, ir-reponsabbilta' tal-attrici tasal sal-valur tas-sehem li ghandha mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti. Fis-6 ta' Lulju 2007 il-Qorti tal-Appell tat sentenza fil-kawza **Mary Camilleri vs Joseph Caruana Company Limited** u osservat:

*"Dawn iz-zewg Artikoli 1324 u 1330 ghandhom jinqraw flimkien, u ghalkemm kif jghid l-Artikolu 1324 l-att huwa maghmul minn parti wahda, xorta wahda dan il-att jorbot il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi. Izda meta mbaghad wiehed jirreferi ghal Artikolu 1330, l-legislatur specifika illi fil-kaz ta' dejn rizultanti minn att normali ta' gestjoni ta' sengha, negozju jew professjoni, il-kredituri jistghu jinfurzaw it-talba taghhom fuq il-beni parafernali tal-persuna li maghha jkunu ghamlu negozju u mhux fuq il-beni parafernali tal-parti l-ohra. Ghalhekk meta l-beni fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma jservux sabiex jithallas id-dejn gravanti, bhalma jidher li jista' jkun il-kaz in dizamina, il-kredituri jistghu biss jinfurzaw it-talba taghhom (ghal dik il-parti li ma tkunx tista' tithallas mill-beni tal-komunjoni) fuq il-beni parafernali tal-parti li maghhom huma ghamlu n-negozju – f'dan il-kaz Angelo Camilleri – u mhux l-appellanti.".*

viii. Tistona ferm it-talba li kienet ghamlet l-attrici ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex zewgha jinzamm milli jittrasferixxi diversi vetturi li kien xtara minghand Michael Attard Limited sabiex tikkawtela *"sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti"* (fol. 59). B'dak l-att kawtelatorju l-attrici tat x'tifhem li qeghda tikkonferma li l-vetturi kienu gid tal-komunjoni tal-akkwisti u trid sehemha minnhom. Kieku ma kienx hekk u kienet tippretendi biss li tircievi biss n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali, kif xehedet, ma kienx hemm raguni ghalfejn tottjeni l-hrug ta' tali mandat.

ix. L-attrici xehedet li meta kienet tghaddi minn quddiem id-dar matrimonjali kienet tara l-vetturi pparkjati. Il-qorti hi moralment konvinta li l-attrici kienet taf li zewgha kien beda negozju ta' kiri ta' vetturi. Hu minnu li m'hemmx prova li kienet taf li l-vetturi kien qieghed jixtrihom bid-dejn. Pero' jibqa' 'l fatt li sfortunatament ghaliha wara li bdiet il-proceduri gudizzjarji ghall-firda personali minn ma' zewgha ma jirrizultax li hadet passi sabiex zewgha jigi inibit milli jaghmel dejn li jkun ta' piz ghall-komunjoni tal-akkwisti[5]. Madankollu dan hu kaz iehor li jikkonferma li l-

[5] *"Nikkonferma li jiena naf li zewgi qed jikri xi vetturi li ghandu ghal short term lease minhabba l-fatt illi xi drabi rajthom ipparkjati f'postijiet turistici, imbaghad ftit granet wara narahom wara l-bieb. Issa drajthom in-numri. Certa li jkunu ta' zewgi. Mistoqsija mill-qorti jekk min-naha tieghi qatt ghamiltx procedura fil-Qorti*

istat attwali tal-ligi mhu xejn felici in kwantu ma jatix protezzjoni adegwata lil min isib ruhu f'sitwazzjoni simili ghal dik li sabet ruhha fiha l-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-attrici b'dan li ticcara li l-attrici m'ghandhiex obbligu li taghmel tajjeb ghad-dejn bil-gid parafernali taghha. L-attrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

*biex inzomm lil zewghi milli jaghmel xi dejn il-komunjoni tal-akkwisti nghid li le, qatt ma ghamiltha."* (fol. 70). Ara Artikolu 876 tal-Kap. 12.